# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **5 TA' NOVEMBRU 2017**

**Ġabra speċjali**

Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom mill-qalb.

**Magħmudija Komunitarja**

Għada/Illum il-Ħadd issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Assemblea Parrokkjali 2017**

It-Tlieta 7 u l-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2017 fil-Parroċċa tagħna għandna l-Assemblea Parrokkjali li hija avveniment importanti fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Ejjew nieħdu sehem biex bħala familja waħda sabiex napprezzaw is-sabiħ tal-ħidma ta' xulxin u nirriflettu fuq dak li nixtiequ fil-Parroċċa tagħna. Nistednukom għall-quddiesa tas-6:00pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna għal ħin ta' kafe' u wara laqgħa bit-tema: "**Il-Parroċċa: Familja ta' Familji**" (AL 202). Nixtiequ narawkom matul il-jumejn tal-Assemblea Parrokkjali.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

Il-Ħamis 9 ta' Novembru 2017 ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 11 ta' Novembru 2017 fil-Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Festa San Martin**

Il-Ħadd 12 ta' Novembru 2017 wara l-quddiesa tad-9:15am fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin se nkunu qed inqassmu te u kafe' fuq iz-zuntier u tkunu tistgħu tixtru xi affarijiet tal-ikel. Inħeġġu lit-tfal jattendu għall-quddiesa tad-9:15am li fiha se ntellgħu xi boroż ta' San Martin.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 23 ta' Novembru 2017 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru 2017 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fis-Sorreda Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

***New Year's Eve Party***

Il-Ħadd 31 ta' Diċembru 2016 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**

Il-parroċċa ser torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa flimkien mal-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar bejn is-26 ta' Jannar 2018 u l-4 ta' Frar 2018. Dettalji tal-programm jinkisbu mis-sagristija.

**Intenzjonijiet tal-Quddies**

It-Tnejn 6 ta' Novembru 2017 ser ikollna d-*diary* tal-intenzjonijiet tal-Quddies tas-sena d-dieħla. Jekk jogħġobkom tistgħu tiġu fil-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali.

**Għadam tal-lewż ta' Novembru**

Mingħand il-voluntiera tagħna tistgħu tixtru l-għadam tal-lewż ta' Novembru minn fuq iz-zuntier.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.